MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 189/2006

**A B f' isimha proprju u ghan-nom u fl-interess tal-minuri binha C D li tieghu hija kuratrici ad litem bis-sahha ta' digriet moghti fid-9 ta' Gunju 2006**
**vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratrici Luisa Tufigno nominati b' digriet tas-27 ta' Gunju 2006 bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interessi ta' l-assenti E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu r-rikorrenti attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fit-3 ta' Jannar 2005, u minn liema ghaqda twieled il-minuri C D fil-11 ta' Lulju 2005.

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-intimat u senjatament minhabba abbandun, kif ukoll eccessi, sevizzi u ingurji gravi da parti tal-intimat fil-konfront tal-esponenti, u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrevokabilment; u

3. Illi l-esponenti ottjeniet d-debita awtorizzazzjoni tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta’ April 2006 sabiex tkun tista’ tipprocedi b’ din l-istess stanza; u

4. Illi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn u dan fid-dawl tal-fatt illi l-intimat telaq lura lejn pajjizu, u ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-proceduri odjerni;
Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat, u tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament mill-intimat.
2. Tafda l-kura u l-kustodja ta’ C f’ idejn ir-rikorrenti.

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-esponenti ghaliha u ghall-imsemmija minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti.

4. Tapplika kontra l-intimat, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f’ zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din l-Qorti, liema porzjonjiet jigu assenjati wahda lill-esponenti u l-ohra lill-intimat, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta’ divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-intimat jikkonsenja lir-rikorrenti l-beni dotali u parafernali kollha taghha u tordna illi r-rikorrenti tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tawtorizza lir-rikorrenti illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri, stante li f’ dak iz-zmien ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati mill-attrici;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut assenti, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16.

Mill-provi jirrizulta nkontestat li l-attrici, cittadina maltija, izzewwget lil E D, cittadin libjan, fit-3 ta’ Jannar 2005, u fil-11 ta’ Lulju 2005 twieldet fiz-zwieg it-tarbija C.

Illi wara konvivenza matrimonjali qasir hafna, l-attrici ddecidiet li titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha, stante li dana qatt ma kkontribwixxa ghall-ispejjez tal-familja li kienet qeda tistrieh fuq l-introitu taghha biss. Il-konvenut minn naha tieghu naqas li jassumi r-responsabbilita’ tieghu f’ dan ir-rigward; u meta gie konfrontat mill-attrici b’ din is-sitwazzjoni huwa qallha li kien ser jmur lura f’ pajjizu u jibqa’ hemm, kif fil-fatt ghamel.

Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza sevizzi fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.precitat da parti tal-konvenut assenti fil-

konfront ta’ l-attrici, konsistenti fil-fatt li wara z-zwieg huwa halli lil martu tfendi ghar-rasha bit-tarbija taghhom, li allura kellha ssib rifugju fi hdan il-genituri taghha. Jirrizulta mill-atti li l-konvenut ilu li telaq minn Malta minn Ottubru 2005.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mit-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u konsegwenzjalment tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn mieghu;

[2] tilqa’ it-tieni talba, u tafda l-kura u kustodja tal-minuri C f’ idejn l-attrici, li ilha tiehu hsiebu minn mindu twieled; bid-dritt ta’ access favur il-missier ghal ibnu, skond il-modalita’ li tigi stipulata minn din il-Qorti fuq rikors ad hoc mill-konvenut assenti;

[3] tilqa’ it-tielet talba limitatament fis-sens li tafferma d-dritt ta’ l-attrici li titlob manteniment minghand il-konvenut assenti; izda tichadha ghall-kumplament stante li ma ngabux provi dwar il-qligh ta’ l-intimat, u wkoll peress li l-attrici tahdem bi qligh;

[4] tilqa’ ir-raba talba u tapplika kontra l-intimat id-disposizzjoni ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu;

[5] tilqa’ il-hames talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kontendenti; izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament tat-talba stante li ma jirrizultax li hemm assi tal-komunjoni;

[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba, stante li fic-cirkostanzi hija superfluwa;

[7] tichad is-seba talba stante li ma ngabux provi f’ dan ir-rigward;

[8] tilqa’ t-tmien talba;

L-ispejjez kollha jibqghu a kariku tal-konvenut assenti; izda provvizorjament dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------